MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 972/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**(Spt. Romina Veneziani)**

**vs**

**Carmel Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmel Mifsud** ta' 31sena, bin il-mejjet Francis u Theresa *nee'* Gatt, imwieled Pieta fil-5 ta' Mejju, 1975, residenti 10, Block B, Triq Bertha Kilg, Ta' Giorni u detentur tal-karta tal-identita' numru 346575M;

Talli fil-11 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tal-10:20am f'Tas Sliema, ikkommetta serq ta' baskett kontenenti

telefon cellulari , flus kontanti u affarijiet ohra minn fuq il-persuna ta' Yvonne Delia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza diretta kontra persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u bil-valur li ma jaccediex l-elf lira.
Talli fil-11 ta' Settembru, 2006, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun imdahal biex ibieghhom jew imexxihom

Talli fil-11 ta' Settembru, 2006, ghall-habta ta' l-10:20am f'Tas-Sliema, ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fiq il-persuna ta' Yvonne Delia minn Tas-Sliema skond kif iccertifika Dr. Paul A. Mangion tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kwantu l-ewwel akkuza;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu.  Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li hija wahda alternattiva u tillibera lill-imputat minnha;

Rat l-artikoli 22, 261 (a) (c), 262, 267, 274 u 279 (a) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat il-fedina penali tal-imputat; wara li rat ir-rapport tas-social worker li l-imputat jikkwalifika ghall-xoghol volontarju fil-komunita u wara li semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa lest li jaghmel dan ix-xoghol minghajr hlas.  Qieset illi fil-mori tal-kawza l-imputat sab xoghol full time u minkejja illi ghandu hinijiet twal, xorta wahda dispost li jaghmel dan ix-xoghol;

Il-Qorti qed tikkommettieh ghal perjodu ta’ xoghol komunitarju ta’ sittin (60) siegha  skond l-artikolu 11 tal-Kap 446, liema xoghol ghandu jaghmlu fil-hinijiet kif indikati lilu mill-probation officer skond il-formola annessa.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------